Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Anzjan Trevor Micallef)

vs

Sabrina Scerri

Kumpilazzjoni Numru: 448/2019

Illum, 30 ta' Jannar, 2023

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Sabrina Scerri detentrici tal-karta tal-identita' numru 416294M akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer nhar id-29 ta' Gunju 2019 ghal habta tas-saghtejn u nofs ta' filghodu (02:30a.m.) gewwa u/jew barra l-hanut Envy Bar, il-Bajja s-Sabiha, Birzebbugia u/jew fill-vicinanzi:

1. Minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkagunat ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' Annriette Falzon (Art 214, 216(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Akkuzata aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kisret il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied (Art 338(dd) Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija tipprovdi ghal garanzija ta' Annriette Falzon skond artikolu 383 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

Rat l-ezami tal-imputata fejn hija wiegbet mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sbatax (17) ta' Awwissu tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputata u cioè:

1. Fl-artikoli 214 u 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 17 u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li nqraw l-Artikoli tal-Avukat Generali l-imputata ddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Rat il-fedina tal-imputata li hija wahda netta;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti u l-istqarrija tal-imputata;

**Ikkunsidrat**

Illi din il-kawza tittratta fuq allegat argument li nqala' go Bar f'Birzebbuga bejn il-parte civile u l-imputata li tigi l-gharusa tal-ex ragel tal-istess parte civile Annriette Falzon.

**Ikkunsidrat**

Illi xehed **Dr. Isaac Balzan** li kkonferma c-certifikat mediku esebit in atti u mmarkat bhala Dokument TM 4 u qal illi kien ezamina lil Annriette Falzon fil-hamsa (5) ta' Lulju 2019 u kkonstata li kellha tbengila fuq il-warrani tan-naha tax-xellug u xi grif fuq l-irkoppa tal-lemin, xi grif fuq il-wicc u *bifocal depressed fracture of the inferior wall of the left orbit with some, small himosynus and adjacent soft tissue swelling and emphysetemes changes.* Dawn kienu kklassifikati bhala griehi gravi. Dawn il-griehi gew ikkostatati minn **Dr. Benedict Axisa** li kien il-konsulent tal-ghassa dak il-hin

li kienet marret l-isptar Annriette Falzon u pprezenta dokument immarkat bhala Dokument BA1.

Illi xehdet il-parte civile **Annriette Falzon** li qalet is-segwenti a rigward il-fatti kif graw:

> *"qieghed Birzebbugia u m'huwiex, naf li m'huwiex post adattabli ghat-tfal pero tlajt b'dispjacir kbir u nixtieq nitlob mahfra lil Onorabbli Qorti taghha dil-haga ukoll, ghax it-tifel naf li mhux postu hemm hekk. Pero, bhala dispjacir kbir li kelli, it-tifel jghajjat lill-missieru, u jiena wara li kelli dat-tifel ghamilt two kidney operation, u missieru jigi dejjem fis-sakra jhabbat fis-7 ta' filghodu, u ma stajtx nitlaq u nghamel mod iehor, lit-tifel once li beda jghajjat lill-missieru jien iddecidejt li ntellghu. Fil-fatt bghatt anke messagg lilu u beda jghajjatli inti mignuna issa narak bil-Qorti. Din hija il-pura verita u jien dhalt fil-haunt; ma kellimtx lill gharusa tieghu ghax m'ghandi l-ebda kontra had. Jien mieghu ghandi x'naqsam. Il-problema hi li jien x'hin tghajtu it-tifel hu ha qata' hadu qata. Jien hrigt minn gol-haunt litteralment hrigt minn gol-haunt u zammni, xi had zammni, hu zammni. ......Kelli libsa twila, li niftakar ezatt. Naf li spiccajt mal-art, x'hin*

*spiccajt mal-art, qabel jerga, sorry, niskuza ruhi, qabel xi hadd jigbidli xahri minn wara u dik kienet it-tfajla tieghu. .... Issa hi bdiet taqbadli xaghari, jien protegejt lili nnifsi bdejt naqbad xaghar, ovjament niddefendi lili nnifsi, u spiccajna if-idejn. Issa li gara ovjament Charles Morris Patrick Falzon, l-gharus taghha ovjament gie jigbidni u tefani l-barra u once li jien kont qeghda mal-art hi bdiet tghatini bis-sieq. ..... bis-sieq f'ghajnejja."*

Inkontroezami l-parte civile giet ikkonfrontata bil-messaggi mmarkati Dok. CF2 fuq il-kwistjoni li hija riedet ittella' t-tifel Birzebbuga ghaliex kienet ghadha kif saret taf li kellha titla' Brussels. Dawn il-messaggi kienu dakinhar tal-incident fil-hin tas-siegha ta' filghodu cirka.

Fil-kontroezami l-parte civile qisha kkonfermat li dak li kien miktub fil-messaggi ma kinitx il-verita' anke jekk ftit wara tenniet li kien veru. Hija kkonfermat li meta kienet qed tibghat il-messaggi lil Charles Falzon hija kienet go restorant mat-tifel taghha u fl-ebda hin din id-darba ma kkonfermat li dan it-tifel kien qed jibki biex imur ma' missieru. Ikkonfermat ukoll illi dak il-hin tal-argument hija bdiet tghajjar lil Sabrina qahba. Ikkonfermat ukoll illi

wara l-ewwel parti tal-incident hija kienet dahlet gol-Kazin tan-Nazzjonalisti tixrob biex imbaghad regghet dahlet ghand Charles Falzon sabiex terga' tiehu t-tifel. Hija kkonfermat ukoll li din ma kinitx l-ewwel darba li marret hemmhekk jew ir-residenza ta' Charles f'hinijiet mhux tas-soltu bit-tifel. Finalment hija tenniet li ma tiftakarx kif harget 'il barra u qisha qalet ukoll li ma kinitx tiftakar x'gara ezatt. L-unika haga li ftakret kienet li weggghet. Gie pprezentat dokument AF3 li juri lil Annriette u t-tifel taghha sejrin lura.

Xehed ukoll **Charles Falzon** li jghid illi l-parte civile kienet spiss tmur ghandu l-hanut tax-xorb u thallilu t-tifel hemmhekk u dakinhar ghamlet l-istess fis-saghtejn ta' filghodu u meta rat lill-imputata hemmhekk ghajjritha "qahba" u mbuttatha. Jghid illi Sabrina mbuttatha lura u hargu lil Annriette 'l barra. Huwa jghid illi meta harguha barra, Annriette waqghet izda wara marret tixrob go hanut ta' hdejh li kien il-Kazin tan-Nazzjonalisti.

Inkontroezami x-xhud ikkonferma li l-parte civile ta' sikwit kienet iggiblu t-tifel taghhom f'nofs ta' lejl fil-hanut tax-xorb meta din kienet tkun xurbana izda normalment kienet taqtaghlu qalbu sabiex turilu t-tifel. Fil-fatt huwa jghid illi kien hemm ghaddejjin

serje ta' medjazzjonijiet bejniethom fuq dan il-fatt. Huwa jaghmel referenza ghal messaggi elettronici minn Annriette fis-siegha ta' filghodu li tghidlu li kienet ser iggiblu t-tifel ghaliex kellha tmur Brussels fuq xoghol u fejn hu kien qalilha biex iggibu l-ghada. Ix-xhud ipprezenta dawn il-messaggi li gew immarkati bhala Dok CF, CF1 u CF2.

Ix-xhud jghid ukoll illi meta Annriette spiccat mill-hanut tax-xorb ta' hdejhom regghet giet irrankata fil-hanut tieghu u aggrediet lil Sabrina. Sabrina bdiet timbuttaha 'l barra u Annriette bdiet ittiha bil-konsegwenza li Annriette waqghet taht il-bankina. Jghid illi minn hemmhekk Annriette bdiet tghajjar lil Sabrina 'qahba' u fil-pront Sabrina waddbet il-likwidu li kellha fit-tazza lejn wicc Annriette.

Finalment semghet ix-xhieda tal-espert mediku nominat mill-Qorti u cioe' **Dr. Mario Scerri** li kkonferma li l-griehi subiti minn Annriette Falzon huma gravi per durata (Dok. MS1).
Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi bhala punt preliminari jinghad illi tqis id-depozizzjoni tal-parte civile Annriette Falzon bhala wahda mhux kredibbli u dan ghaliex in kontroezami hija biddlet hafna minn dak li kienet qalet fid-depozizzjoni originali taghha bil-gurament fejn f'dak li ghandu x'jaqsam mal-fatt li hija qalet li kellha tmur Brussels u anke fuq affarijiet ohra bhal perezempju li fid-depozizzjoni taghha hija kienet qalet li kienet liebsa libsa twila izda fir-ritratt AF2 hija tidher b'libsa qasira. Illi hareg car ukoll illi ma kinitx veritjiera dik il-parti tax-xhieda fejn hija kienet qalet illi t-tifel kien qed jibki ghal missieru ghaliex inkontroezami hareg illi t-tifel kien go restorant ma' ommu meta hija ddecidiet li tiehu t-tifel ghand missieru.

Illi fit-tieni lok u mir-rapport tal-espert Dr Mario Scerri hareg illi:

*"1. Illi nhar id-29 ta'Gunju 2019, Annriette Falzon allegatament qalghet daqqa fuq wiccha minghand l-imputat* ***Sabrina Scerri****, f'Birzebbuga hdejn l-ghassa;*

*2. Illi rizultat ta' din id-daqqa, din kellha tiddahhal l-isptar Mater Dei fejn instab illi din kellha* ***bifocal depressed fracture fl-inferior wall tal-orbit*** *tax-xellug tal-ghajn;*

3. *Illi din il-frattura hija ta' natura gravi* ***per durata;***
4. *Illi meta kienet l-isptar gie osservat illi l-****visual acuity*** *taghha fl-ghajn ix-xellugija kien baxx 6/30;*

5. *Illi din ghadha tilmenta sa llum illi l-vista taghha fl-ghajn ix-xellugija naqset u ma tissugrax issuq bil-lejl ghar-raguni illi d-dawl idejqilha l-ghajn ix-xellugija."*

Illi madanakollu anke jekk il-griehi tal-parte civile gew ikklassifikati bhala gravi per durata, fl-Artikoli tal-Avukat Generali tnizzel l-Artikolu 216(1)(b) li jghid is-segwenti:

***"216.(1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin -***

***b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonqjew f'waħda mill-idejn tal-offiż;"***

Dan l-Artikolu certament ma jghoddx ghall-kaz indizamina ghaliex fl-ebda hin l-espert ma kkonferma li kien hemm tali sfregju u anke l-Qorti setghet tikkonstata mir-ritratti esebiti mar-

rapport tal-istess espert li vizwalment il-parte civile m'ghandha xejn go wiccha.

L-Artikolu li kellu jigi kkwotat mill-Avukat Generali u kwindi dak li kellu japplika kien l-Artikolu 218(1)(a) li jghid hekk:

*"218.(1) L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn ħamsa sa għaxar snin -*

*(a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jewfil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;"*

Izda ghal xi raguni l-Avukat Generali kkwota Artikolu li ma japplikax u kwindi din il-Qorti ma tistax issib htija a bazi tal-Artikolu 216 u stante li din il-Qorti hija marbuta biss b'dan l-Artikolu ma tistax issib htija.

Irid jinghad ukoll illi b'xi mod il-parte civile garrbet griehi serji f'ghajnejha izda l-anqas hawn ma seta' jigi kkonstatat oltre' d-dubju dettat mil-ligi kif graw verament il-fatti u minn effettivament ikkagunalha l-ferita t'ghajnejha u dan principarjament minhabba

l-fatt illi d-depozizzjoni tal-parte civile ma ghandha xejn mis-sewwa.

Illi a rigward it-tieni (2) akkuza u cioe' tal-ksur tal-paci pubblika ma ngabet l-ebda prova dwar jekk il-pubbliku in generali kienx mahsud b'dan l-argument u ghalhekk ma tistax issib htija.

Illi ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputata **Sabrina Scerri** hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha u kwindi tilliberaha minnhom stante li ma gewx ippruvati.

Inoltre' il-Qorti tordna li jittiehdu passi kriminali kontra l-istess Annriette Falzon fuq spergur u dan kif inghad aktar 'il fuq f'din is-sentenza.

______________________________________

**Ft/Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**